**25 ta' Marzu, 1960**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., C.St.J., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.**

**Onor. Dr. H. Harding, C.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

Charles Gatt et.

*versus*

Alfred Bellizzi

**Kompetenza — Bastiment — "Vessel" — Dgħajsa — Art. 5(f) tal-Kodiċi tal-Kummerċ.**

*Dgħajjes żgħar tal-qlugħ jew tal-imqadef, użati u adattati għal sempliċi svag, ma jidħlux fil-klassifika tal-kelma "bastiment" — "vessel" — użata fil-Kodiċi tal-Kummerċ; u għalhekk l-azzjonijiet li jirrigwardaw dawn id-dgħajjes jidħlu fil-kompetenza tal-Qorti Ċivili.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi huma biegħu u kkunsinnaw lill-konvenut id-dgħajsa bil-qlugħ tal-isem "Mercury", b'sett qlugħ u l-ordenji tagħha, bil-prezz ta' £45; u illi huma, fuq talba tal-konvenut, ġarrew id-dgħajsa San Pawl il-Baħar għall-konvenut u għamlu £2 spejjeż għall-ġarr, liema ammont għandu jiġi wkoll rifuż mill-konvenut; u illi l-konvenut ippretenda illi fid-dgħajsa kien hemm difetti okkulti u li kien ħadha b'sempliċi prova, u li ma riedhiex u ddepożitaha taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti b'ċedola taż-17 ta' Lulju 1959, u rrifjuta li jirċievi l-arblu tad-dgħajsa li kien baqa' għandhom għat-tiswija, u b'ċedola tal-24 ta' Lulju 1959 huma ddepożitaw l-arblu taħt l-awtorità ta' dik il-Qorti; u illi l-konvenut irrifjuta li jħallas il-prezz ta' £45 u £2 spejjeż fuq indikati, non ostanti li ġie nterpellat; talbu illi, wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet neċessarji, inklużi jekk hemm bżonn dawk tal-validità tad-depożitu ġudizzjarju tal-arblu effettwat minnhom u tal-inattendibbilità tad-depożitu ġudizzjarju effettwat mill-konvenut, u dan għar-raġunijiet premessi, u wara li jingħataw il-prov-

vedimenti kollha opportuni, il-konvenut jiġi kundannat iħallashom is-somma ta' £47 dovuta lilhom in kwantu għal £45 għall-prezz tad-dgħajsa "Mercury" bl-ordenji u aċċessorji tagħha, u in kwantu għal £2 spejjeż tat-trasport tad-dgħajsa magħmulin b'inkarigu tal-konvenut; liema dgħajsa ġiet mixtrija u konsenjata lill-konvenut; u dan għar-raġunijiet premessi. Bl-ispejjeż, inklużi dawk taċ-ċedola tad-depożitu tal-24 ta' Lulju u tal-ittra uffiċjali taż-17 ta' Gunju 1959, u bl-interessi legali sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tal-24 ta' Novembru 1959, li biha l-laqgħet l-imsemmija eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenut, billi ddikjarat li mhix kompetenti li tieħu konjizzjoni tat-talba "ratione materiae", bl-ispejjeż kontra l-atturi; wara li kkunsidrat, rigward l-eċċezzjoni tal-inkompetenza;

Illi skond l-art. 5(f) tal-Kodiċi tal-Kummerċ, kull operazzjoni dwar bastimenti, "vessels", hi att obbjettiv tal-kummerċ; u kwindi, jekk id-dgħajsa tal-qlugħ indikata fiċ-ċitazzjoni hi bastiment fis-sens tal-imsemmi artikolu tal-liġi, kif jallega l-konvenut, din il-Qorti mhix kompetenti li tieħu kunjizzjoni tat-talba, għaliex, skond l-art. 37(2) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, hi l-Qorti tal-Kummerċ li tieħu konjizzjoni tal-kawżi kollha ta' natura kummerċjali jew li għandhom x'jaqsmu mal-kummerċ;

Illi l-Kodiċi tal-Kummerċ patriju, l-istess bħall-parti l-kbira tal-kodiċijiet kontinentali, ma jagħtix definizzjoni ta' bastimenti, "vessels". Il-liġi tagħti biss definizzjoni ta' bastiment, "ship", fl-art. 2 tal-"Accidents at Sea (Prevention) Ordinance" (Kap. 27); imma din id-definizzjoni ma tistax tittieħed bħala vera u xjentifika, fis-sens li l-istess isservi sempliċement biex tispeċifika x-xorta ta' bastimenti li għalihom tapplika dik l-Ordinanza, li ġiet appuntu promulgata bl-iskop preċipwu li tagħti provvedimenti biex jiġu skansati d-diżastri fuq il-baħar, u biex jiġi protett aħjar il-kummerċ marittimu; u f'din ix-xorta ta' bastimenti

jidher li jaqgħu dawk imsemmija fl-art. 6 tal-Kodiċi tal-Kummerċ (Kap. 17);

F'dan in-nuqqas ta' definizzjoni fil-Kodiċi tal-Kummerċ, jidher li għandha tiġi adottata d-definizzjoni kontenuta fil-Merchant Shipping Act. 1894 s. 742), li japplika għal Malta, u li hi mogħtija b'dan il-mod:— "Vessel includes any ship or boat, or any other description of vessel used in navigation". Skond din id-definizzjoni, jidher li d-dgħajsa tal-qlugħ in kwistjoni hi bastiment fis-sens tal-art. 5 tal-Kap. 17. F'dan is-sens ġie dejjem interpretat is-sinifikat ta' bastiment "ship" jew "vessel", fl-Admiralty Court Act, 1861, fil-Court of Admiralty Act, 1867, u fil-P.H. Scotland Act. 1897 (v. vokaboli "ship" u "vessel" fi Stroud's Judicial Dictionary, second edition);

Ma jistax jiġi obbjettat li dgħajsa tal-qlugħ isservi biss għall-passatemp, u kwindi li l-imsemmija dispożizzjoni tal-liġi ma tapplikax għaliha; għaliex, kif irriteniet il-Qorti tal-Kummerċ fl-4 ta' Frar 1948. in re "Borg vs. Cassar Torreggiani", il-liġi ebda distinzjoni ma tagħmel bejn bastiment u ieħor, u għalhekk, jekk il-bastiment ikun iservi għall-passatemp biss, u mhux għall-kummerċ, b'daqshekk l-operazzjonijiet rigward tagħhom ma jsirux atti ċivili, iżda jibqgħu atti obbjettivi tal-kummerċ, għaliex bħala tali kkunsidrathom il-liġi, li tipprexxindi mill-iskop tal-bastiment, u tolqot il-bastimenti in ġenere u n-navigazzjoni;

Lanqas ma jista' jiġi obbjettat li l-manuvrar ta' bastiment tal-qlugħ ma jikkostitwix navigazzjoni; għaliex sa anki l-qdif ġie kunsidrat bħala sinonimu man-navigazzjoni: per Coleridge J., Tindell v. Combe, 7 L.J., M.C. 48, "navigation seems to be used as synonimous with rowing" (Stroud. loc. ċit., vokabolu "navigation");

L-eċċezzjoni tal-konvenut hi għalhekk fondata;

Rat ir-rikors li bih l-atturi talbu li din il-Qorti tiddikjara liema hi l-Qorti kompetenti biex teħu konjizzjoni tal-kawża;

*Omissis;*

Bir-rispett kollu din il-Qorti ma tistax taqbel mal-Ewwel Qorti illi, fin-nuqqas ta' definizzjoni fil-Kodiċi tal-Kummerċ għandha tiġi adottata d-definizzjoni mogħtija fil-Merchant Shipping Act tal-Ingilterra. Anki dik id-definizzjoni ngħatat għall-finijiet ta' "dak" l-Att, fejn f'dak l-Att il-kontest ma jirrikjedix xort'oħra ("In this Act, unless the context otherwise requires......"). Il-fatt illi partijiet minn dak l-Att huma applikabbli għal Malta ma jagħmel ebda differenza. Il-kwistjoni hi illi ebda definizzjoni statutorja mogħtija f'liġi "għall-finijiet ta' dik il-liġi" ma tista' tiġi, ħlief b'leġislazzjoni, applikata bħala konklużiva f'liġi oħra, la ma tkunx definizzjoni mogħtija f'"Interpretative Law" ta' applikazzjoni ġenerali;

Għalhekk, il-kliem tal-art. 5(f) tal-Kodiċi tal-Kummerċ għandu jingħatalhom it-tifsir li huma għandhom fl-użu komuni, meħud rigward tal-iskop ġenerali tal-Kodiċi, apparti minn kull definizzjoni mogħtija f'liġijiet oħra speċjali, lokali jew ingliżi;

Oriġinarjament, it-test taljan tal-paragrafu 6 tal-art. 5 tal-Att nru. XXX tal-1927 kien isemmi "ogni operazione relativa alle navi e alla navigazione": u t-test ingliż "any transaction relating to ships and navigation";

Fil-Qrati Ingliżi, f'każi fejn il-ġudikant ma kienx marbut b'definizzjoni legali, ġie ritenut illi l-kelma "ship" tfisser "every vessel that substantially goes to sea...... whether it be decked or not decked or whether it goes to sea for the purposes of fishing or anything else"; iżda ssokta jingħad:— "I do not mean to say that a little boat going out for a mile or two to sea would be a ship" (ex parte Ferguson, L.R.C., Q.B.280);

Fir-"Revised Edition", il-kelma "ship" fit-test taddispożizzjoni tal-liġi in kwistjoni ġiet sostitwita bil-kelma "vessel" (art. 5 para. (f) Kod. Kumm.). Din il-kelma "goes further than ship", u tikkomprendi "anything that in popular language is called a vessel". Iżda ssokta jingħad:—

"Nobody would call a raft or a Thames wherry a vessel, but anything beyond a mere boat is to my mind called a vessel" (Gapp v. Bond (1887) 19 Q.B.D. 200). Hekk ukoll fil-kawża "Martin v. Leavers" (1882) 46 J.P. 807 intqal:— "Vessel means, prima facie, something larger than boat, keel or lighter";

Fit-test malti, il-kelma użata hija "bastiment"; u din il-Qorti hi ta' fehma illi ħadd, fl-użu komuni, ma jikkwalifika bħala tali dgħajsa żgħira tal-qlugħ għall-passatemp tal-ibbordjar ġol-port jew mal-kosta, bħal dik li dwarha hi din il-kawża;

Il-konċett tal-kelma "nave", li, kif intqal fuq, kienet użata fit-test taljan antik, jidher li hu kontrovers xi ftit fid-dottrina u l-ġurisprudenza taljana. Hemm uħud li jillimitaw is-sinifikat ta' dik il-kelma għall-finijiet tal-Kodiċi Kummerċjali, għal ċerti galleġġjanti biss li għandhom ċerti kwalitajiet u portata ta' mhux anqas minn ħamsin tunnellata. Iżda l-maġġuranza tal-awturi tirritjeni illi "secondo il diritto positivo italiano, non avendo il legislatore fatto tutte quelle distinzioni che soltanto sono state introdotte dalla giurisprudenza e da qualche autore, intendesi per nave qualsiasi costruzione atta a tenere il mare, destinata a viaggi di breve o di lunga navigazione, a rimanere nei porti, di qualsiasi dimensone o portata (v. Dgesto Italiano, voce "Nave", Vol. XV, P. 2da., para. 10, p. 1363). B'dan kollu, hu ammess illi, biex galleġġjant jista' jissejjaħ "nave", irid ikollu bħala funzjoni preċipwa u essenzjali t-trasport ta' oġġetti jew persuni" (ibid.);

Anki jekk tiġi adottata din id-dottrina, il-Qorti jidhrilha li d-dgħajsa żgħira tal-qlugħ in kwistjoni ma tidħolx f'dak is-sinifikat;

Fil-kawża riportata fil-Volum XXXV-II-502 il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili rriteniet illi dgħajsa tal-qlugħ bħal dik li hi l-oġġett ta' din il-kawża mhix "bastiment" fis-sens tal-liġi li ssemmi "kolliżjonijiet ta' bastimenti";

Din il-Qorti hi ta' fehma illi l-kelma "vessel", "basti-

ment", fid-dispożizzjoni in kwistjoni tal-Kodiċi Kummerċjali, għandha jkollha l-istess sinifikat li l-istess kelma għandha fl-art. 6 u kull fejn tirrikorri bnadi oħra fl-istess Kodiċi, u li ma tikkomprendix dawn id-dgħajjes żgħar talqlugħ jew tal-imqadef, użati u adattati għal sempliċi svag per eżempju bħal dawk li kienu in kwistjoni fil-kawża "Kent vs. Pulè", maqtugħa minn din il-Qorti fis-6 ta' Settembru 1959. Is-sentenza riportata fil-Vol. XXXIII-III-491 kienet tirrigwarda "yatch" u dgħajsa tal-mutur pjuttost kbira;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara li l-Qorti kompetenti biex tieħu konjizzjoni tal-kawża hija l-Prim-Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha r-Reġina, u tordna li l-atti jiġu mibgħuta lil dik il-Qorti biex il-kawża titkompla skond il-liġi;

L-ispejjeż tal-inċident, minħabba ċ-ċirkustanzi, jibqgħu mingħajr taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jħallsu l-konvenut.